

# IL-KNISJA TA' SANTA LUĊIJA

## f'Għawdex

Mario Fenech

Il-Knisja ta' Santa Lucija tinsab mibnija fl-istess post fejn qabel kien hemm knisja oħra li kienet ġiet ipprofonata fis-sena 1657 waqt waħda mill-visti pastorali li kienu jsiru kulltant żmien f'dawn l-inħawi. F'dak iż-żmien kienu jaħbtu għal-gżira l-furbani li warahom kienu jħallu ħerba sħiħa.

X'aktarx li meta saret din il-vista pastorali l-knisja kienet tinsab fi stat ħażin wara xi wieħed minn dawn l-attakki. Wieħed isemmi l-attakk li kien sar matul il-lejl tat- 18 ta' Ottubru 1583 meta l-furbani kienu serqu dak kollu li sabu fil-knisja ta' San Girgor fir-raħal ta' Kerċem.

Kien ħadem biex imbniet mill ġdid il-Kanonku Dun Mikiel Dandalone li kien jieħu ħsieb dawk il-knejjes fil-kampanja li kienu jkunu fi stat ħażin li kien ikun meħtieġ li jinbnew mill ġdid. Meta tlesta x-xogħol dan il-Kanonku ħaseb li ser ikun hu stess rettur ta' din il-knisja.
L-Arċipriet Cassar ma qabilx ma dan, bil-kwistjoni titwal tant li spiċċat ukoll quddiem l-awtoritajiet Ekklesjastiċi f'Ruma.
Fl-istess żmien il-knisja ta' Santa Luċija kellha qassis mqabbad mill-Isqof biex jieħu ħsieb jagħmel quddiesa fil-Ħdud u l-Festi. Dan il-Qassis jew aħjar Rettur kien jieħu ħsieb ukoll t-tagħlim tad-duttrina, l-qrar u l-priedki

Mit- 8 t'Ottubru 1848 sa Novembru tas-sena 1851 il-knisja serviet bħala Viċi Parroċċa biż-żamma tal-Ewkaristija fit-Tabernaklu kemm għal dawn l-inħawi ta' Santa Luċija kif ukoll għall-inħawi ta' Cherċem (Kerċem)

Mal-bidu tas-seklu għoxrin l-popolazzjoni fl-inħawi żdiedet sew u għalhekk il-knisja għaddied minn tibdiliet kbar u fiha saru għadd sabieh t'opri sagri li sebbħu sew il-knisja minn ġewwa.

Ma jistax jonqos li fejn ikun hemm għadd ta' familji li flimkien jiffurmaw komunita b'sens ċiviku ta' parteċipazzjoni, li tinħass il-ħtieġa li ssir festa xierqa kemm fil-knisja kif ukoll fuq barra.

Festa ħelwa li qiegħda tiġbed lejn ir-raħal bosta nies mhux biss bil-kurżita li jaraw dak li jkun hemm, iżda ukoll biex jipparteċipaw flimkien mal-komunita ta' dan ir-raħal fil-festa ta' Santa Luċija.

Ir-raħal ċkejken ta' Santa Luċija l-lum huwa magħruf sew għal numru t'attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena li daħlu sew fil-kalendarju kulturali tal-gżira ta' Għawdex.

Il-festa t-tajba lill kullħadd.

